



Brussell, 9 ta' Novembru 2018
(OR. en)

13255/18

ATO 79
CONOP 93

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	12686/18 ATO 67 CONOP 85 + ADD 1
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tapprova l-konklużjoni, mill-Kummissjoni, ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (Euratom) u l-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp tal-Enerġija fil-Peniżola Koreana (KEDO) - Adozzjoni

1. Fl-14 ta' Mejju 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni tiegħu li tawtorizza lill-Kummissjoni tinneogzja t-tiġdid tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) u l-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp tal-Enerġija fil-Peniżola Koreana (KEDO)¹.
2. Fit-28 ta' Settembru 2018, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat Rakkomandazzjoni għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq, abbażi tal-Artikolu 101 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.
3. Bid-deċiżjoni tiegħu, il-Kunsill ser japprova l-konklużjoni mill-Kummissjoni Ewropea ta' Ftehim li jiżgura l-applikabbiltà tal-Ftehim preċedenti bejn l-Euratom u l-KEDO, li skada fil-31 ta' Mejju 2015, għall-perijodu ta' żmien bejn l-1 ta' Ġunju 2015 u l-31 ta' Mejju 2018 (bil-possibbiltà li jiġġedded lil hinn mill-31 ta' Mejju 2018).

¹ Ref. għall-Anness tad-dok. 7884/18 RESTREINT.

4. Wara proċedura ta' silenzju li saret bejn l-10 u s-16 ta' Ottubru 2018, il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Atomiċi laħaq qbil dwar it-test ta' din id-Deċiżjoni kif jinsab fid-dok. 12686/18 + ADD 1. Dan id-dokument tal-aħħar twettqitlu r-reviżjoni legali lingwistika tas-soltu.
5. Il-Coreper għalhekk jista' jistieden lill-Kunsill:
 - jadotta t-test kif jinsab fid-dok. 13263/18 bħala punt "I/A".
